# Il-Beatu Ġorġ Preca

## Terzjarju Karmelitan
## Fundatur Tas-Soċjeta' Tad-Duttrina Nisranija



Dun Ġorġ twieled il-Belt Valletta biswit is-Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu, nhar it-12 ta'Frar 1880. Ta' tifel, skond id-drawwa taż-żmien, huwa ġie miktub fil-Labtu tal-Karmnu u hekk beda jagħmel parti mill-Familja Karmelitana. Kien għadu żagħżugħ meta ħass is-sejħa għas-saċerdozju. Huwa ġie ordnat saċerdot nhar it-22 ta' Diċ embru tas-sena 1906.

Fl-ewwel xhur tas-sena 1907, Dun Ġorġ, għadu qassis żagħżugħ, beda l-missjoni tiegħu billi ġabar madwaru grupp ta żagħżagħ ta' madwar l-għoxrin sena u beda jnissel fihom il-prinċipji morali nsara, il-biża' t'Alla u s-sensibilita' għall-imħabba bla qjies li Alla għandu għall-bnedmin. Dawn kienu l-ewwel frieħi tas-Soċjeta' li ġġib l-ewwel ittri ta' Magister Utinam Sequatur Evangelium Universus Mundus, li tfisser: "Mgħallem, mhux li kien id-dinja kollha timxi wara l-Evanġelju'. L-opra ta' Dun Ġorġ tieħu ħsieb l-edukazzjoni nisranija tat-tfal u żagħżagħ, subien u bniet, permezz ta lajċi preparati tajjeb.

Il-ħsieb ewlieni ta' l-ispiritwalita' ta' Dun Ġorġ kien it-teoloġija ta' l-Inkarnazzjoni: Verbum Dei caro factum est ('Il-Kelma ta' Alla tlaħħmet'). Din il-frażi hija l-'badge' li l-membri tas-Soċjeta' tal-M.U.S.E.U.M. iġibu fuqhom bħala distintiv. Fil-ħajja nisranija tiegħu Dun Ġorġ ma kienx jikkuntenta ruħu bil-ftit. Għadu

tifel u diġa' kien jilbes il-Labtu tal-Madonna tal-Karmnu. Meta kiber, imbagħad, ħass il-ħtieġa li jimpenja ruħu bil-konsagrazzjoni tiegħu lill-Verġni Marija u għalhekk sar Terzjarju Karmelitan. Huwa nkiteb Terzjaru nhar il-21 ta' Lulju 1918 u professa fit-Terz' Ordni nhar is-26 ta' l-istess xahar tas-sena ta' wara, fil-knisja ta' Santa Venera.Huwa kien iqis lilu nnifsu midneb kbir, karatteristika ta' ħafna qaddisin, u għalhekk għall-professjoni huwa għażel l-isem ta' Franco għall-Beatu Karmelitan Franco ta' Siena li qabel ikkonverta u daħal fl-Ordni kien igħix ħajja midinba. Dun Ġorġ kien iħossu parti mill-Ordni Karmelitan hekk li fil-kitbiet tiegħu, ħafna drabi, kien jiffirma P. Franku, l-isem li ħa fit-Terz' Ordni. Fis-sena 1952, b'rikonoxximent għall-ħidma fit-tixrid tad-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu permezz tal-Labtu, huwa ġie affiljat ma' l-Ordni Karmelitan mill Pirjol Ġenerali P. Kilian Lynch, O. Carm. Ir-relazzjoni tiegħu mal-Karmelitani dejjem kienet kordjali u ta' ħbieb. L-aħħar snin ta' ħajtu Dun Ġorġ qattagħhom f'Santa Venera, parroċċa immexxija mill-Karmelitani.



Dun Ġorġ miet nhar is-26 ta Lulju 1962 fl-eta' ta' 82 sena. L-ispirtu tiegħu, iżda, għadu jinħass fil-familji Maltin. Dun Ġorġ Preca jista' jissejjaħ qaddis għal żmienna mhux tant għall-fatti straordinarji li seħħew f'ħajtu imma għall-opra monumentali li ħalla warajh: is-Soċjeta' tal-M.U.S.E.U.M., li llum taħdem ukoll fl-Awstralja, is-Sudan, il-Kenya, l-Ingilterra, l-Albanija u l-Peru'. Dun Ġorġ kien iben dehen tal-Karmnu mhux biss għax kien Terzjarju u għax kien jilbes il-Labtu filwaqt li jxandar il-qima u l-imħabba lejn il-Madonna, imma l-aktar għax kien igħix ħajja ta' intimita' u ta' għaqda ma' Alla u ta' servizz lejn il-proxxmu fuq l-eżempju tal-Verġni Marija.